

V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## QORTI TAL-EFTA

## SENTENZA TAL-QORTI

tal-25 ta' April 2012

fil-Kawża E-13/11

**Granville Establishment v Volker Anhalt, Melanie Anhalt u Jasmin Barbaro, née Anhalt**

(Ftehimiet ta' ġurisdizzjoni – il-libertà li jiġu pprovduti u riċevuti servizzi – Diskriminazzjoni fuq bażi ta' nazzjonalità – Ġustifikazzjoni – Rimedji għal nuqqas ta' konformità mal-liġi taż-ŻEE)

(2012/C 369/10)

Fil-Kawża E-13/11 *Granville Establishment v Volker Anhalt, Melanie Anhalt u Jasmin Barbaro, née Anhalt* – TALBA lill-Qorti taħt l-Artikolu 34 tal-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità tas-Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja mill-*Fürstliches Landgericht (Qorti tal-Ġustizzja tal-Prinċipat), il-Liechtenstein*, dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 4 u 36 tal-Ftehim taż-ŻEE fir-rigward tal-Att dwar il-Ġurisdizzjoni tal-Liechtenstein, il-Qorti, magħmula minn Carl Baudenbacher, President, Per Christiansen u Páll hreinnsson (Imhalled-Rapporteur), Imħallfin, tat sentenza fil-25 ta' April 2012, li l-parti operattiva tagħha hija kif ġej:

- L-Artikolu 36 ŻEE jipprekludi dispożizzjoni tal-liġi domestika, bħat-Taqsima 53a(1) tal-Att dwar il-Ġurisdizzjoni, li jagħti liċ-ċittadini biss id-dritt li ma jiġux imħarrka barra mill-pajjiż fuq il-baży ta' ftehim ta' ġurisdizzjoni sakemm dak il-ftehim ta' ġurisdizzjoni ma jkunx ġie rreġistrat pubblikament.
- Huwa għall-qorti nazzjonali, safejn hu possibbli, biex tinterspreta u tapplika d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi nazzjonali b'tali mod li huwa possibbli li debitament tirrimedja l-konsegwenzi tal-ksur tal-liġi taż-ŻEE. F'dak il-kuntest, huwa għall-qorti nazzjonali li tiddetermina jekk id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġurisdizzjoni jew kwalunkwe disposizzjoni nazzjonali oħra jistgħux jiġu applikati għall-finijiet ta' interpretazzjoni f'konformità mal-liġi taż-ŻEE.